Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 178 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Anthony Cilia

Illum 22 ta' Novembru, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Cilia detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 333365 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xahar ta' Gunju, 2016, Lulju 2016, Awwissu 2016, Settembru 2016 w Ottubru 2016, f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1) Naqas li jaghti lil Carolina Cilia u Danika Cilia, is-somma ta' 350 Euro w 400 Euro fix-xahar, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u / jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 t' April, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahrejn detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Anthony Cilia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 t' April, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha nkwantu l-piena li giet inflitta u minflok timpani piena aktar gusta w ekwa skond il-ligi ghall-kaz odjern u tikkonfermha fil-bqija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-esponent huwa manifest u jirrigwarda il-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet hawn imfissra w cioe':

L-ewwel u l-uniku aggravju:

Illi l-esponent naqas illi jhallas l-imsemmi manteniment stante illi;

Fl-ewwel lok illum bintu Danika Cilia hija teknikament maggorrenni u ma ghadhiex aktar tistudja, b' hekk ma ghadhiex aktar intitolata li tircievi manteniment minghand missierha, oltre' l-fatt ukoll illi huwa ghamel arrangament ma' l-istess bintu li jghina

finanzjarjament meta dan jkun mehtieg. Illi dan kkonfermatu ukoll bintu Danika Cilia seduta stante u kkonferma illi hija ma kellha ebda nteress fil-proceduri odjerni. In oltre' gie wkoll konfermat quddiem l-Ewwel Qorti illi l-imsemmija Danika Cilia ilha aktar minn sena tghix ghal rasha flimkien mal-gharus taghha u familjari tieghu.

Fit-tieni lok l-imsemmija martu Caroline Muscat otteniet digriet ta' manteniment ghaliha b' qerq u frodi, stante li hija kienet ddekadiet mid-dritt taghha tal-manteniment wara li dahlet f' relazzjoni extramatrimonjali ta' l-anqas darbtejn, u cioe' darba ma' certi Sherlock Cachia fis-sena 2014 u fil-prezent ma' certu Simon Vella. Illi fuq dawn l-premessi hemm pendenti wkoll proceduri mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-FamiIja) sabiex id-digriet tal-manteniment nkwistjoni jkun revokat ghar-ragunijiet infraskritti.

Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-appellant llum huwa impjegat bil-paga, u manteniment ta' Euro 400 ghal martu huwa wiehed eccessiv u ghalhekk huwa jinsab fl-impossibilta li jadherixxi ruhu mad-digriet tal-Qorti Civil citat. Illi ghalhekk il-piena nflitta u cioe ta' xaharejn ditenzjoni ma hiex wahda idoneja fic-cirkostanzi, u fi kwalunkwe kaz tenut kont ic-cirkostanzi kollha hija ukoll eccessiva.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta ta' llum jidher illi l-partijiet lahqu ftehim rigward il-problemi matrimonjali taghhom u li l-manteniment dovut f'din l-akkuza thallas. Kwindi ghalkemm ir-reita' tirrizulta hemm lok ghall-temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma in parti s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriforma l-piena inflitta u minflok dik ta' xahrejn detenzjoni, tillibera lill-appellanti taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur millum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

(Ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur